# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 1136/2015 SM**

**Robert Hornyold-Strickland**

**vs.**

***Allied Newspapers Limited***

**u**

***The Strickland Foundation***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-pro-zija tieghu kienet proprjetarja ta' sitt mija u tmenin sehem ordinarju fis-socjeta` intimata;

1.2. Illi l-istess socjeta` intimata hi wahda privata ezenti;

1.3. Illi l-azzjonisti taghha huma limitati fit-termini tal-*Memorandum* u Statut ghal inqas min hamsin (50) azzjonist bl-eskluzjoni hemm indikata, (ara foll 1, 2 u 7);

1.4. Illi bit-testment taghha tal-11 t'Awwissu, 1979, l-istess pro-zija fuq riferita nnominat lir-rikorrenti bhala l-uniku werriet universali taghha, (ara foll 27 u 30);

1.5. Illi r-rikorrenti hu azzjonist registrat fis-socjeta` intimata fuq riferita;

1.6. Illi *di piu`* il-pro-zija tar-rikorrenti fuq riferita halliet legat ta' 508 sehem ordinarju fis-socjeta` intimata favur l-fondazzjoni intimata;

1.7. Illi r-rikorrenti qatt ma gie mitlub mill-Fondazzjoni intimata biex jimmettiha fil-pussess tal-legat lilha imholli;

1.8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qatt ma pogga lill-fondazzjoni intimata fil-pussess ta' l-istess legat;

1.9. Illi *nonostante* dan, fit-22 ta' Jannar, 2010, is-segretarju tas-socjeta` intimata rregistra hames mija u wiehed u tmenin (581) sehem ordinarju fis-socjeta` intimata f'isem il-fondazzjoni intimata, u dan, minghajr l-awtorita` tar-rikorrenti;

1.10. Illi r-registrazzjoni riferita fil-paragrafu precedenti giet effettwata a bazi ta' dikjarazzjni skorretta tal-esekuturi tad-defunta pro-zija tar-rikorrenti li l-Fondazzjoni intimata ma kienitx korp guridiku, (ara foll 39);

1.11. Illi jirrizulta pacifiku li kemm il-darba l-fondazzjoni intimata mhix korp guridiku, allura ma jkollix il-kapacita` guridika li tiret, (ara foll 40);

1.12. Illi wara id-dikjarazzjoni *de quo*, (ara paragrafi numru wiehed punt ghaxra, (1.10.), u wiehed punt hdax, (1.11.), aktar qabel), l-esekuturi fuq riferiti ghaddew biex jirregistraw l-581 sehem ordinarju in dizamina, (ara paragrafu numru wiehed punt disgha, (1.9.), aktar qabel), u dan, f'isem il-fondazzjoni *de quo*, u dan, minflok hames mija u tmin (508) ishma ordinarji li effettivament kienu gew imhollija b'legat kif fuq intqal, (ara foll 25);

1.13. Illi s-socjeta` intimata hi kumpanija privata u ezenti;

1.14. Illi hu fl-interess tar-rikorrenti bhala azzjonist tal-istess socjeta` intimata, u eredi tal-pro-zija fuq indikata, li l-*istatus* ta' din is-socjeta` intimata jinzamm;

1.15. Illi l-ebda risoluzzjoni ma ttiehdet mill-istess socjeta` biex tbiddel l-imsemmi *status* kif kristallizzat fil-*Memorandum* u Statut tal-istess socjeta`;

1.16. Illi bhala korp guridiku l-Fondazzjoni intimata ma setghetx tigi registrata bhala azzjonista tas-socjeta` intimata u ma setghax ikollha xi interess fil-kapital tal-istess socjeta` intimata *stante* li din, anke wara r-registrazzjoni tal-imsemmija ishma, kienet kumpanija privata u ezenti skont il-ligi;

1.17. Illi *stante* li r-registrazzjoni in dizamina hi zbaljata ghaliex:

1.17.1. Saret minghajr id-debita awtorita`;

1.17.2. Bi ksur tal-*Memorandum* u Statut tal-istess socjeta` intimata;

1.17.3. Saret f'numru ta' ishma li jeccedi n-numru imholli b'legat lill-Fondazzjoni intimata;

1.18. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.18.1. Tiddeciedi li r-registrazzjoni ta' 581 sehem ordinarju fis-socjeta` intimata f'isem il-

Fondazzjoni intimata kienet registrazzjoni erronea u nulla *stante*:

1.18.1.i. Illi kienet in eccess ta' dak imholli b'legat;

1.18.1.ii. Illi ma giex prodott dokument li jpoggi lill-Fondazzjoni intimata fil-pussess tal-istess legat;

1.18.1.iii. Illi giet maghmula fl-interess ta' persuna li fit-termini tal-*Memorandum* u Statut socjetarju *de quo* ma setghetx tigi registrata bhala membru jew azzjonist tal-istess socjeta` intimata;

1.18.2. Tordna ghalhekk li r-registru tal-membri tas-socjeta` jigi emendat u korrett fis-sens li r-registrazzjoni tal-581 ishma ordinarji in dizamina jigu imhassra u kancellati;

1.18.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata *Allied Newspapers Limited* datata s-6 ta' Jannar, 2016, li permezz taghha rrispondiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru *stante* li r-registrazzjoni tal-ishma in dizamina saret wara diskussjonijiet mar-Registratur tas-Socjetajiet u bl-approvazzjoni tieghu;

2.2. Illi ghalhekk ser jigi intavolat rikors ghall-kjamata in kawza tieghu *ai termini* tal-artiklu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.3. Illi preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti limitatament fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Fondazzjoni intimata ma gietx validament immessa fil-pussess tal-ishma lilha imhollija;

3. Rat ir-risposta guramentata tal-Fondazzjoni intimata datata l-15 ta' Jannar, 2016, li permezz taghha rrispondiet sintetikament billi essenzjalment irrepetiet iz-zewg (2) risposti preliminari sollevati mis-socjeta` intimata, (ara paragrafu numru tnejn, (2), aktar qabel u foll 43 u 57);

4. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kwistjoni sollevata mill-intimati rigwardanti l-kjamata in kawza tar-Registratur tas-Socjetajiet, (ara foll 66);

5. Illi in vista tal-istess digriet indikat fil-paragrafu precedenti awtorizzat lill-istess partijiet biex jittrattaw l-istess bil-modalita` u fit-terminu hemm indikati, (ara foll 66);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata l-24 ta' Frar, 2016, (ara foll 67), flimkien ma dik tar-rikorrenti datata s-7 ta' Marzu, 2016, (ara foll 72), u dik tal-Fondazzjoni intimata datata l-5 t'April, 2016, (ara foll 79);

7.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat iz-17 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-procedura in dizamina tithalla ghal decizjoni rigwardanti:

7.1. L-integrita` tal-gudizzju; u

7.2. Il-kjamata in kawza;

sollevati mill-intimati, (ara foll 78);

8. Rat ukoll ir-rikors tas-socjeta` intimata datat it-28 t'April, 2016, li permezz tieghu intavolat it-talba formali ghall-kjamata in kawza tar-Registru tas-Socjetajiet, (ara foll 84);

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

10. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

11. Illi din id-decizjoni hi limitata għall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati kif sussegwentement indikati ukoll specifikatament fin-nota tal-partijiet datata t-18 ta' Gunju, 2016, (ara foll 92);

12. Illi konsegwentement il-mertu veru u proprju tal-vertenza sollevata qieghed f'dan l-istadju jigi sorvolat;

Ikkunsidrat:

13.0. **Illi fir-rigward tal-kjamata in kawza tar-Registratur tas-Socjetajiet jinghad is-segwenti:**

13.1. Illi s-socjeta` intimata ssosstni sintetikament is-segwenti fir-rigward:

13.1.1. Illi r-registrazzjoni tal-ishma in dizamina f'isem il-Fondazzjoni intimata saret:

13.1.1.i. Konformi mad-direzzjoni lilha moghtija mir-Registratur *de quo*; u

13.1.1.ii. Taht il-gwida tal-istess Registratur, (ara foll 68);

13.1.2. Illi in effetti jirrizulta li l-istess socjeta` pprovat tipprevjeni l-problemi li setghu jinqalghu billi kkonsultaw kemm lir-Registratur *de quo* u d-Deputat tieghu;

13.1.3. Illi jirrizulta li l-istess ufficjali kkonkludew li l-fondazzjoni intimata ma kienitx korp guridiku ghall-fini tal-ishma in dizamina;

13.1.4. Illi konsegwentement l-istess ufficjali in dizamina kkoncedew ir-registrazzjoni tal-ishma kif fuq indikat;

Ikkunsidrat:

14. Illi f'dan ir-rigward referenza ghall-artikli rilevanti tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tghin fir-risoluzzjoni tal-vertenza in dizamina;

15. Illi l-artiklu 961 tal-imsemmi Kap 12 jghid is-segwenti:

> "Tista` wkoll terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, tigi msejha f'kawza bejn partijiet ohra fil-qorti ta' l-ewwel grad, sew fuq talba ta' wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba;

16. Illi l-artiklu 962 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti jistabilixxi li:

> "It-terza persuna msejha fil-kawza ghandha tigi notifikata bir-rikors, guramentat jew le, u, ghall-finijiet kollha, titqies bhala kull konvenut iehor; u bhala tali ghandha l-jedd li tipprezenta kull skrittura, li taghti kull eccezzjoni, u li tinqeda b'kull beneficcju iehor illi l-ligi taghti lill-konvenuti, u tista` skont ic-cirkostanzi, tigi mehlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawza kienet proposta kontra taghha";

Ikkunsidrat:

17. Illi tenut kont tas-suespost ghandu qabel xejn jigi konstatat, u dan, fid-dawl tas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Peter Incorvaja et vs. CMR Commercial Limited***, datata l-***4 ta' Novembru, 2013***, li f'dawn il-kazijiet il-qorti:

> "... trid taccerta li tali kjamata in kawza ma tintalabx sabiex jittawlu l-proceduri inutilment jew sabiex tigi snaturata l-azzjoni ... altrimenti, istitut mahluq ghall-effikacja, jitlef ghal kollox il-pratticita` tieghu, u jsir minflok, mezz ta' frustrazzjoni tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja";

Ikkunsidrat:

18. Illi r-rikorrenti qieghed jopponi ghal din it-talba tal-intimati *stante* li l-presenza tar-Registratur tas-Socjetajiet mhix mehtiega biex il-kawza in dizamina timxi 'l quddiem;

19. Illi in effetti, in sintesi r-rikorrenti jsostni li l-pretensjoni tieghu ma tirrigwardax lir-Registratur in dizamina;

Ikkunsidrat:

20. Illi fir-rigward, is-socjeta` intimata ssosstni li effettivament effettwat tali registrazzjoni wara li kellha diskussjonijiet fir-rigward mal-istess Registratur li min-naha tieghu esprima l-assigurazzjoni li ma kellu l-ebda oggezzjoni ghar-registrazzjoni in dizamina rikjesta mis-socjeta` intimata;

21. Illi *stante* li r-rikorrenti qieghed jitlob li tigi varjata l-konkluzjoni tar-Registratur *de quo* allura s-socjeta` intimata qeghda titlob il-kjamata in kawza in dizamina ghaliex ghalhekk il-presenza tal-istess Registratur ssir pertinenti ghall-procedura in dizamina biex b'hekk tigi rizolta bl-aktar mod informat;

22. Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited u GasanMamo Insurance Limited vs. Malta Industrial Parks Limited*** datata t-***2 ta' Mejju, 2016***, li rriteniet illi:

> "... biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur l-ezercizzju fuq daqshekk jinneccesita accertament fuq il-bazi tal-*petitum*, ossija r-rizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikolari, l-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju .... b'danakollu ma jfissirx li l-posizzjoni tieghu trid tkun tali li jista` jkun ikkundannat abbazi tal-*petitum* fl-istess kawza li fiha gie imsejjah, b'mod li jkollu relazzjoni guridika diretta mall-attur. Peress illi: "kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet ***Albert Borg Falzon pro. et nomine vs. Joseph Cost Chretien*** il-***Qorti tal-Kummerc*** per ***Imhallef W. Harding*** fiz-***17 t'Ottubru, 1950***, l-interess

li jillegittima l-kjamata in kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, intiz dan l-interess mhux necessarjament fis-sens li l-kjamat in kawza jkun kundannat jew liberat, imma anki fis-sens li hu jkun jista` jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-konvenut, jew tieghu stess differenti mit-tnejn, jew ghal wiehed jew l-iehor, u jipprovoka decizjoni, fil-limiti tal-azzjoni, li tistabbilixxi certi fatti u drittijiet jew kuntrarji ghalih, bla ma jigi liberat jew kundannat";

23. (Ara wkoll f'dan il-kuntest ***Avukat Antoine Naudi nomine vs. John Abela Limited et Qorti tal-Appell***, datata t-***2 t'Ottubru, 2009***, u ***Vincent Agius proprio et nomine vs. Mario Borg***, ***Qorti Civili Prim' Awla***, datata t-28 ta' Marzu, 2003);

Ikkunsidrat:

24. Illi referenza ghad-decizjoni tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Peter Incorvaja et vs. CMR Commercial Limited*** fuq riferita, (ara paragrafu numru sbatax, (17.), aktar qabel), li fiha gew elenkati s-segwenti principji biex bihom tkun tista` tintlaqgha t-talba ghall-kjamata in kawza;

25. Illi fir-rigward tal-*integrita` tal-gudizzju* l-imsemmija qorti indikata fil-paragrafu precedenti stabbilit is-segwenti:

"1. In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-gudizzju, b'mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proceduri;

2. Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata l-kjamata in kawza anke jekk il-gudizzju kien integru, u dan biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktar warajha ggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (***Joseph Riolo proprio et nomine vs. Carmel Muscat et, Appell Civili***, datat il-***15 ta' Novembru, 1991***)";

26. Illi l-istess sentenza fuq riferita, (ara paragrafu numru erbgha u ghoxrin, (24), osservat ukoll li *l-istitut tal-kjamat in kawza* gie utilizzat mill-qrati Maltin biex jinkludi cirkostanzi fejn:

26.1. Jigu evitati multiplicita` ta' kawzi u gudizzji, (ara ***Alfred Zammit Cutajar vs. Joseph Formosa***, ***Appell Civili***, datat is-***26 ta' Gunju, 1961***);

26.2. Tigi evitata l-possibilita` ta' gudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifussjoni, (ara ***A.J.C. Barbaro vs. Carmelo Mallia***, ***Appell Civili***, datat is-***26 t'Ottubru, 1956***);

26.3. L-interess tal-intimat versu terza pesuna jigi protett, (ara ***Joseph Micallef et nomine***, ***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***11 ta' Marzu, 1952***);

26.4. Jkun fl-interess ta' terza persuna u tar-rikorrenti biex il-gudizzju jigi osservat sew, (ara ***Anthony Cini vs. Joseph Demanuele***, ***Appell Civili***, datat it-***8 ta' Frar, 1946***);

Ikkunsidrat:

27. Illi in vista tas-suespost jirrizulta li r-Registratur tas-Socjetatjiet u d-Deputat tieghu kienu ddecidew, fuq talba tal-ezekuturi testamentarji tad-defunta pro-zija tar-rikorrenti in dizamina, illi l-fondazzjoni hawn intimata ma kienitx korp guridiku skont kif determinat taht l-Att dwar il-Kumpaniji, Kap 386 tal-ligijiet ta' Malta, (ara foll 40);

28. Illi konsegwenza tal-istess konkluzjoni tal-istess Registratur u tad-Deputat tieghu gie allura konluz ukoll li l-imsemmija fondazzjoni ma tmurx kontra l-*private exempt status* tas-socjeta` intimata;

29. Illi konsegwentement, abbazi ta' din il-logika, kien determinat li r-registrazzjoni in dizamina tal-ishma tal-fondazzjoni intimata setghet issehh;

Ikkunsidrat:

30. Illi tenut kont tas-suespost, bl-introduzzjoni tal-procedura odjerna r-rikorrenti qieghed jitlob dikjarazzjoni minn din il-qorti fir-rigward tar-registrazzjoni li saret anke bl-istigazzjoni mir-Registratur in dizamina, bi pregudizzju ghad-drittijiet allegati tar-rikorrenti billi saret fit-termini tal-*Memorandum* u Statut tas-socjeta` intimata meta ma setghetx;

Ikkunsidrat:

31. Illi a bazi ta' dak effettivament mitlub mill-istess rikorrenti u tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li biex il-gudizzju in dizamina jkun iffurmat sew, il-partecipazzjoni tar-Registratur in dizamina fil-procedura odjerna tirrizulta li hi necessarja;

32.0. Illi tali konkluzjoni tidher necessarja *stante* li:

32.1. Kien l-istess Registratur *de quo* li ha decizjoni tieghu fir-rigward u ghazel li jirregistra l-ishma involuti;

32.2. Ir-registrazzjoni li r-rikorrenti qieghed hawn jittenta li jimpunja hi l-konsegwenza diretta tal-istess decizjoni tar-Registratur *de quo*;

Ikkunsidrat:

33. Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar ricenti fuq citata fejn l-artiklu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gie hemm interpretat bl-aktar mod wiesgha, jinghad li hu xieraq u fl-utilita` procedurali li t-talba ghall-kjamata in kawza tal-istess Registratur tigi akkolta u dan ukoll kemm biex il-gudizzju jkun integru, kif ukoll, ghaliex l-istess Registratur jista` anke jifta` dawl ulterjuri fuq id-disputa principji tal-kawza odjerna u jispjega kif ma kkunsidrax li l-Fondazzjoni intimata mhix persuna guridika skont il-ligi;

**DECIDE:**

34.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti:

34.1. Tilqa` r-risposti preliminari tal-intimati;

34.2. Tordna l-kjamata in kawza tar-Registratur tas-Socjetajiet biex iwiegeb ghall-istess fit-termini tal-artiklu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan, fi zmien ghoxrin (20) gurnata min-notifika tas-sentenza odjerna;

34.3. Tordna li r-rikors guramentat promotur jigi notifikat *ai termini* tal-artiklu 962 tal-istess Kap 12 lill-istess Registratur, li jkollu l-fakultajiet kollha lilhu hemm koncessi;

34.4. Illi *stante* li din hi biss rizoluzzjoni ta' risposti preliminari sollevati mill-intimati, tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez fir-rigward mar-risoluzzjoni tal-mertu tal-vertenza in dizamina;

34.5. Tordna wkoll il-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-mertu wara li tisma` lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**